Joe Camilleri

~~THE FORM~~

"IL-AHHAR APPUNTAMENT"

Radjodramm

ta'

CALYPSO. Carmelo Galea kolezzjoni

)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-)-).

PERSONAGGI

GEMMA CHERUBINI - Sopran maghrufa. — RITA

CARLO SANZIO - Tenur maghruf. — STEPHEN

RAFFAELE - Impresarju ta' tijatru. — JOHN ZAM.

ROZINA - Qaddejja fidila ta' Cherubini. — [illegible]

TITO - Segretarju ta' Cherubini. — MARIO

MADRE ABBATISSA - Tas-Sorijiet Klarissi. I JOSETTE

LEHEN. — JOE II CARMEN.

1890

---

# L-AHHAR APPUNTAMENT.

(Tuzka ta' l-Introduzzjoni. Timla "l-Indipendenti" jintemm' ... ta' l-akbisador).

Rozina: Sur Tito.

Tito: Hallini, hallini.

Rozina: Sewwa wisq. Mhux hlief tghidli hallini, hallini, u s-sinjorina Gemma tizborzja s-salarju. Aktar ma' genb dik it-tieqa milli fuq l-iskrivanija .

Tito: Tindahalix. Dawn kienu l-pattijiet meta nqbadt ruhi bhala skrivan u segretarju ~~fidil~~ tas-sinjúrina Gemma Cherubini. Il-patt kien li kull meta ma jkollix xhmaghmar x'niktob, nahdem fil-pittura. Rozina, kun af li jiena ma twelidtx ghas-sengha ta' skrivan, imma biex insir pittur celebri.

Rozina: Pittur naf, imma celebri.....

Tito: U zgur li celebri. Jekk ma tafx irrid nghidlek li jien, Tito Petifero, nigi mill-boghod minn Raffaello.

Rozina: Ukoll!...kur obsor!...Mela l-Italja ghad ghandha fik demm frisk, li jissejjah antenati, ta' l-akbar celebrita' li s'issa rat id-dinja !

Tito: Jahasra intom il-qaddejja! Tridu tindahlu u ma tifhmu xejn. (B'sollenita' ftit komika imma naturali) Ghidli haga, Rozina; inti lili xi hsibtni, xi farfett...hekk...idur mat-tubu tal-lampa ? Nadankollu l-artista Gemma Cherubini, il-padruna taghna, mhux inqas minni thobbha l-arti tal-pittura. Hares lejn dak ir-ritratt tas-sinjorina Gemma. X'jidhirlek minnu ?

Rozina; Jogh gobni hafna. Is-sinjorina jixbahha hafna.

Tito: Dak l-ahhar biccа xoghol li ghamilt, u ibqa' zgura li dak ir-ritratt hawn ghal qalbha aktar mill-ohrajn li ghandha.

Rozina; Huwa aqwa wkoll mill-kwadru li kien irrigalalha l-princep Federiku ta' l-Awstrija ?

Tito: Mela le ? Ghax kull nghidlek, Rozina; intom il-qaddejja..... skuzani jekk se nkellmek hekk...intom il-qaddejja ma tifhmux hlief fit-tiegjir u s-zina tad-dar. Ejja hares il-quddiem. Ara xi gmiel ta' kampanja. Qatt rajt gmiel bhal dak ? Qatt osservajtu ? (B-ghajn ta' l-ammirazzjoni kbira).

Rozina: Nassew liema vizjoni ghandha tiddura il-belt ta' Napli! Dak il-lewn roza wara l-gholjiet, u dak il-fjuri qawwi l-gonna! Tisthajlek qieghda fid-dinja tal-holm.

Tito: Hekk mela! Ceri li int ukoll ghandek qalb biex thobb dak li hu sabih. Ah! L-arti, l-arti! Jien inhobb aktar il-glorja ta' l-arti mill-glorja tieghi n-nifsi. L-arti thobb lili u jien inhobb lilha. Hares xi hlewwa: ix-xemx tghib wara l-gholjiet u min-naha l-ohra tiela' l-qamar. Ghal issa kollox ibiddel lewnu, ukoll il-hamrija. It-tub taghha donnhom imsiebah mixghula, il-weraq tas-sigar donnhom fidda, u l-fjuri qofof bil-gawhar. Il-bahar, ihb ghal, donnu wied tad-deheb. Ghalhekk jien nogghod f'din it-tieqa bhal issa, Rozina, biex nogghod nitghaxxaq bil-gmiel ta' din il-panorama, imbaghad inpingiha.

Rozina: Sur Tito, ma jidhirlekx li l-Vessuvju minn ftit 'il hawn biddel lewnu ?

Tito: Iskot, iskot! M'hemmx kliem izjed....qed inhoss bhal ragg ta' ispirazzjoni diehel go qalbi! Ideja splendida! Taht il-falda tal-Vessuvju, fix-xtajta tal-bahar inpingi sinjorina; anzi lis-sinjorina Gemma Cherubini b'umbrella f'idejha, u meta dan il-famuz kwadru jkun lest nirrigalahulha ghall-festa taghha. Imbaghad meta tarah tghidli, "Tito! Goja tie-

ghi! X'kobor ta' genju jinsab fik!" Hawn tghannaqni u jien inhoss il-kobor tieghi! U xi princep!...X'duka!..... X'markiz! L-artista celebri tat-teatru ma thobb lil hadd hliefi.

Rozina: Intom il-pitturi kollha xorta wahda. Hohhkom malajr imur fuq iz-zahar tal-laring. (Tidhak).

Tito: Inti tidhak, izda mina hawn u ftit iehor tatini ragun. Jekk l-antenat tieghi, Raffaello, ghaggeb lid-dinja bil-hlewwa ta' Madonnini li pinga, jien ukoll ghad nghaggeb lid-dinja moderna bil-pittura tieghi. Lil l-artista Gemma Cherubini mhux biss pingejtha bl-akbar arti fuq it-tila, izda pingejtha wkoll gewwa qalbi.

Rozina: Hallina minnek, sur Tito. Stembah darba ghal dejjem minn din il-holma li qieghda titliflek rasek. Ghal fejn tix-tieq haga li ma jista' jkollok qatt ?

Tito: Ma jista' jkolli qatt ? Tghid hekk ghax ma tafx xi tfis-ser l-arti. Huma l-arti li f'daqqa wahda jiftthu bhal ward fi qlub il-bnedmin u jiddakru minn xulxin. Is-sinjo-rina Gemma Cherubini hija l-idolu ta' l-arti teatrali u ma fadalx xiber art fid-dinja li ma tghaxxqetx bil-lehen angeliku taghha. Jien, Tito Petifero, bl-arti tal-pittura ghad irrid immiss is-sema b'subghajja u ghalhekk arti ma' arti jiddakkru aktar mill-fjuri meta jkunu jitbandlu maz-ziffa tar-rih taht ir-raggi tax-xemx. F'din l-imhabba pura jsiru qalb wahda.

Rozina: X'int poetiku l-lejla, sur Tito.

Tito: Eh Rozina! Hija l-qalb li qieghda titkellem. Ftit xhur ohra jien u Gemma nkunu ta' xulxin u nibdew nghixu hajja l-iktar kuntenta. La tkun tieghi ma nhallihiex tkanta iktar fit-teatri. Nghixu biss minn dak li naqla' mill-pittura tieghi.

Rozina: Il-pitturi kollha mietu bil-guh.

Tito: Imma mhux jien immut bil-guh, celebrita' bhali. Inti tah-seb li s-sinjorina Gemma hadet grazzja mieghi ghal xejn ?

Rozina: Int jew mignun jew wasalt biex tiggennen.

Tito: Iz-zmien jaghtina parir min hu minna il-mignun.

Rozina: Sur Tito, inti qed tghid bis-sod jew biex ticcajta ? L-artista Cherubini sejra tizzewweg lilek meta jridha princep.

Tito: Ghall-princep Federiku ta' l-Awstrija qed tghid, hux veru ?

Rozina; Appuntu. Inti taf daqsi li l-gimgha l-ohra fit-teatru San Carlo, hawn gewwa Napli, fil-waqt li s-sinjorina Gemma kienet qieghda taghmel il-parti tat-Tosca, fil-palk rjali kien hemm il-princep Federiku u dan, malli nghalqet il-purtiera, tela' jigri ghal fuq il-palk, ha b'idejn Gem-ma, u wara li ferhilha qalilha; "Lehnek seraqli qalbi". Imbaghad fetah kaxxetta u rregalalha kullana li tiswa l-eluf tal-liri.

Tito: Dan kollu nafu. U b'daqshekk ? Dawn il-kumplimenti mhux soltu jaghmluhomlhom lil l-artisti tat-tijatru ?

Rozina: Imma inti taf li talabha biex jitgharrasha ?

Tito: Naf, u hi ma reditx.

Rozina: Ghaliex ma reditx ?

Tito: Tajba din, ghax ghandha lili.

Rozina: (Tidhak). Ghax ghandha lilek! Ghid ma reditx ghax ilha sitt xhur gharusa mat-tenur Carlo Sanzio, u dan iz-zieg li qed tohlom int se jsir mieghu tliet xhur ohra.

Aħħ.: TITO / "~~kemm int~~ imħeġġeġ". + BLACKOUT + SPOT ON ME.

* [ Eh Tito, kemm int iblah!. Fejn sejra l-immaġinazzjoni tiegħek! Ja pittur ~~tal~~-ħolm, ja namrat tal-fantasija.
Jien il-kuxjenza ta' kull wieħed u waħda minnhom.
Is-Sinjorina Gemma ma taħrab qatt minn taħt idejja.
Gemma tibqa marbuta mat-Teatru, mas-serati nobbli u mat-tellix tal-ħajja ..... ma ħadd iżjed. ]

Tito: Mhux veru.

Rozina: Kif mhux veru ? Ser tghid lili ?

Tito: Insomma, princep jew tenur, jew x'ix-xjafek hu, Gemma mieghi ghandha grazzja u lili sejra tiehu.

Rozina: Mela ibqa' bit-tama tal-grazzja. Ara, il-bluhat tieghek nesewni kollox u bqajt b'dawn il-fjuri f'idejja.

Tito: U jien minhabba fik hallejt il-panorama. [illegible] x'biex [illegible]miltli! Ix-xemx nizlet, u jien bqajt minghajr ma pingejt il-panorama.

Rozina: Ghada x-xemx terga' titla' u tista' tkompli x-[illegible] tieghek.

Tito: Inpingiha meta l-ispirazzjonijiet ikunu harbuli ?!

Rozina: Issa tigi s-sinjorina Gemma u terga' tatik ispirazzjonijiet godda.

Tito: Hekk nittama, izda ahjar nahseb biex immur fuq l-iskrivanija tieghi. Hares, Rozina, dawn huma kolliha ftehim ta' kuntratti li s-sinjorina sejra taghmel ma' Franza, l-Amerika u l-Ingilterra. Fl-Ingilterra sejra tkanta n-Norma ta' Bellini. Lesti ruhek biex immorru maghha.

Rozina: Jien sejra nirranga dawn il-fjuri ghax jekk tigi s-sinjorina u ma tarahomx fis-salott ma tihux gost. Imbaghad immur inlesti c-cena. (Jinstema' t-telephone).

Tito: Pronto!...Iva Tito...ghidli sinjorina...Iva...Iva......appuntament ?....Kollox sewwa, nghidlilha...sahha.....Rozina, complet is-sinjorina u qaltli li mhiex gejja ghac-cena ghax ghandha appuntament. Sejra ticcena barra. Tghid fejn sejra ?

Rozina: jekk mhiex sejra tiltaqa' mal-mahbub taghha Carlo Sanzio ?

Tito: ~~Mal-mahbub taghha~~ ?! Rozina kemm inti nkejjusa! (Muzka).

(Hoss ta' karozza. Tieqaf. Hoss ta' campiena tal-bieb. Hoss ta' bieb jinfetah).

Raff: Bona sera, sinjorina. (Hoss ta' bieb jinghalaq).

Gemma: Bona sera, sur imprezarju.

Raff: Ghaddi fis-salott, sinjorina. (Pawsa). X'giebek ghandi l-lejla ? Jaqaw tridni nerga' nifrahlek ghas-success kbir li kellek jumejn ilu ?

Gemma: Xejn affattu. Hwejjeg iktar importanti gibuni ghandek il-lejla.

Raff: Ghidli sinjorina. Iva poggi bil-qieghda.

Gemma: Inpoggi, izda ma tantx nista ndum wisq ghax ghandi bzonn immur band'ohra.

Raff: Ghidli f'hiex nista' naqdik sinjorina.

Gemma: Nitolbok ma tinkorlax mieghi, sur imprezarju....

Raff: Xi jfisser dal-kliem, ~~sinjorina~~ ?

Gemma: Mill-lum 'il quddiem m'iniex bi hsiebni nkanta iktar, u nitolbok tholini mill-kuntratt li ghandi mieghek.

Raff: X'inhu ?! Qed nisma' tajjeb ? Qed nohlom ?

Gemma: Le, din hija rijalta'. Biex ninhall minn dan il-kuntratt jien lesta biex inhallas il-multa li titlobni.

Raff: Din mhiex kwistjoni ta' multa. Din hija l-hajja jew il-mewt tal-karriera tieghi. Int, jumejn ohra, ghandek tidher in xena biex taghti t-Traviata flimkien mat-tenur Carlo Sanzio.

Gemma: Kif diga' ghidtlek jien m'iniex bi hsiebni nitla' fuq palk iktar, u nitolbok tholini mill-kuntratt; itlobni kemm trid,

Ġejt.. ngħid: "Addio!"

Ġejt nerġa' bit-~~[illegible]~~ tislima tiegħek Sur Impresario..
Kompli ħabbat biex ~~[illegible]~~ Gemme tibqa' ma ddum ix-xogħol.
Gemme x'riedet tagħmel int? Se titlef kollox!
Aħseb ftit x'qegħda tagħmel. Ftakar f'dak il-
isem tiegħek li jsaħħar. Ftakar fil-personalità
u l-popolarità tiegħek li għaġġbet id-dinja.
Aħsibha sew Gemme, Aħsibha sew

Raff: Imma kif jista' jkun sinjorina ? Taf li qed titlobni l-impossibli ? Taf li gew bosta nies minn pajjizi boghod ghal tapposta biex jisimghu lehnek ? Ghidli x'naqbad naghmel meta dawn in-nies ikunu jafu li m'intix ser tkanta ?

Gemma: In-nies wehidha tkun taf ir-raguni u ma tatinix tort. Ghandek tkun taf li jien sejra nitgharras ma' princep hekk ghani, li mieghu zgur ma jkun jonqosni xejn. Nitolbok biex ma taghmilx iktar forza fuqi biex inbiddel dal-hsieb ghax m'iniex bi hsiebni nerga' lura minn kelmti.

Raff: ~~xxxxxwag~~ Titgharras ?! Dan minn meta gie il-hsieb li titgharras ?

Gemma: Ilu xi xahar, imma dan li kien ried jipprovani u tani xahar zmien bhala prova. Ix-xahar jaghlaq il-lum u ghada nkun nghix ~~mixmux~~ mieghu.

Raff: Allura inti deciza ?

Gemma: Tajt il-kelma ta' l-unur tieghi.

Raff: Imsejkna tfajla! Alla tak lehen bhal dak li wasslek fuq l-gholja qucenta ta' l-unuri, u inti bien takkwista l-gid ta' wiehed princep sejra tifga dal-lehen bl-i[illegible] imhabba ta' qalbek!

Gemma: Iva, lehni jibqa' [illegible] ghad-dinja, [illegible] mhux ghall-gharus tieghi.

Raff: Sinjorina jien ma rrid naghmel ebda forza fuqek, izda bhala bniedem ta' esperjenza nixtieq niftahlek ghajnejk ghall-passi li sejra taghmel. Insejt forsi, jumejn ilu kif it-tijatru ried jaqa' bl-applawsi li ghamillek il-pubbliku ? Insejtna dik ix-xita ta' ward li bdiet niezla mill-palki ?

Gemma: Le, sur imprezarju; izda dik il-glorja li rcivejt jumejn ilu mhiex sejra ddawwarni. Il-glorja li hemm lesta ghalija hija bil-wisq ikbar.

Raff: Allura b'qasma ta' qalb inhabbar li ghar-rappresentazzjoni li gejja int ma tkunx disposta. Ikolli naqa' ghas-sopran ~~[illegible]~~ Luigia Contini. Jiddispjacini li ma kellix il-hila nipperswadik, u jiddispjacini ghal l-Italja li sejra titlef kewkba li l-kant taghha kien isebbah lid-dinja kollha. Mux hekk trid ? Minn issa stess int tinsab mahlula mill-kuntratt.

Gemma: Grazzi, sur impresarju. X'inhi l-multa li rrid inhallas ?

Raff: Xejn.

Gemma: Xejn ?! Allura jien doppjament ninsab midjuna lejk. Izda filhajja gdida li ser nibda dan il-pjacir li ghamiltli jibqa' stampat f'mohhi, u ma ninsiex nitlob ghalik. Allura addio ghal dejjem.

Raff: Addio. (Muzka).

(Tinstama' tahbita bil-mod fuq il-bieb).

Blackout

Gemma: Ghaddi. (Hoss ta' bieb jinfetah).

Rozina: Bon gornu, sinjorina. Gibtlek it-te.

Gemma: Grazzi. Poggih fuq dik it-tavolina, Rozina.

Rozina: Ghandek bzonn ta' xi haga ohra, sinjorina ?

Gemma: Ghal issa le, grazzi. (Hoss ta' bieb jinghalaq. Pawsa).

Rozina: Dal-ghodu taha ghall-kitba s-sur Tito. Ghandu jkun xamm li s-sinjorina ghadha ma hargitx.

Tito: Int ser ~~tkidx~~ tibda dal-ghodu ? Xi trid tghid b'dan il-kliem ? Forsi mhux dejjem kont ~~[illegible]~~ WAQT DMIRI mas-sinjorina ?

Rozina: Int kont tizbel mal-ajr ? Tistax ticcajta mieghek ?

Tito: Ghond xi tghid.

Rozina: Insomma, il-lum m'intix ser tkomplih dak il-kwadru ?

Tito: Il-lum ma tantx tidher gurnata sabieha; is-sema kollu msahhab u l-kampanja ma tantx tidher hajja bhas-soltu. Jekk il-jum jibqa' hekk ikolli nhalli x-xoghol ghal darba ohra.

Rozina: Sur Tito, tippermettili nistaqsik haga ? Pero' tghidx li rrid inzikek.

Tito: Halli naraw biex int hiergu. Ghid.

Rozina: Lil min qed tbieghhom il-kwadri tieghek ?

Tito: Jien ma nogghodx inhares xi kwalita' ta' bniedem huwa, basta nigbor prezzhom. Ghaliex ghamiltli dil-mistoqsija ?

Rozina: Dal-ghodu, jiena u Gejja mix-xirja rajt wiehed mill-kwadri tieghek ghand wiehed regattier.

Tito: X'inhu ?! Possibli ?!

Rozina: Ghalhekk ilqajt ruhi minn qabel u ghidtlek li ser nghidlek mhux biex inzikek. Naf li dan ma jaghmillekx unur.

Tito: U zgur li ma jaghmillix. Imma b'daqshekk ma jfissirx li x-xoghol tieghi huwa tal-habba gozz.

Rozina: Ma ridtx nifhem dan.

Tito: L-injorant kien min ma apprezzax ix-xoghol tieghi. Ara kemm hawn nies li ma nafx ~~xxkxxfx~~ x'naqbad insejhilhom. Il-gimgha l-ohra mmur nixtri zewg pniezel, u f'hiex Gartashomli tal-hanut ?

Rozina: Fejn naf ?

Tito: Go bicctejn karta maqtugha mir-romanz "I Promessi Sposi" tal-Manzoni. Dan juri li l-Manzoni kien xi awtur ta' kafkaf ?

Rozina: Zgur li le.

Tito: Hekk ukoll ix-xoghol tieghi. Ghax hadu xi kwadru minn tieghi ghand regattier ma jfissirx li jien xi......

Rozina: Ghandek ragun. Insomma, int ftit jimpurtak jekk in-nies tapprezzax xoghlok jew le, basta tapprezzah is-sinjorina Gemma. Xi tghid ?

Tito: Gib il-hamsa 'l hawn. Jekk qatt m'ghidt haga sew, ghidtha issa.

Gemma: (Issejjah). Rozina! Rozina!

Rozina: Gejja sinjorina. Ippermettili ftit, sur Tito, ghax is-sinjorina sejhitli. (Hoss ta' passi li jitbieghdu. Pawsa).

(Hoss ta' tahbit ~~bieb~~ fuq bieb).

Rozina: Nista' nghaddi, jekk joghgbok, sinjorina ?

Gemma: Ghaddi Rozina. Ghinni nilbes dil-libsa jekk joghgbok.

Rozina: Iva sinjorina. Kemmtixraqlek dil-libsa bajda, sinjorina. Donnok sejra titgharras.

Gemma: Lanqas li qrajtli f'qalbi. Il-lum sejra nitgharras.

Rozina: Iva lanqas gharraftni qabel ma bdejt insejjen ftit il-lum. Mhux ghax jonqosha xi haga, imma ftit tjari ohra kienu jaghtu xx dehra isbah.

Gemma: Rozina, poggi bil-qeghda. Inti taf x'qima ghandi ghalik.

Rozina: Nizzik hajr, sinjorina. Daqshekk iehor inhobbok jiena.

Gemma: Nitolbok zomm midfun gewwa qalbok kulma sejra nghidlek.

Rozina: Naghtik kelma fuq l-unur tieghi.

Gemma: Rozina jien qtajtha li nhalli tijatru ghal dejjem.

Rozina: Fhimtek sinjorina. Biex nghidlek ga ghadda xi haga minn ghalija.

Gemma: Kif ?!

Rozina: Sinjorina, inti tassew ixxurtjata. Is-Sur Carlo jhobbok hafna.

Gemma: Ghandek zball Rozina. L-gharus tieghi mhux Carlo Sanzio. L-gharus tieghi huwa princep li ghandu mhabba kbira ghalija.

Rozina: Issa qed nifhem. Mal-princep tassew ma jkun jonqsok xejn.

Gemma: Xorti li qatt ma kont nistennija. Dan il-princep seraqli qalbi tant, li wasalt biex naghtih kelma li fuq il-palk ma nitlax iktar, u nghix biss ma' genbu fil-palazz sabih tieghu.

Rozina: Min jaf x'palazz, sinjorina ? Min jaf kemm ghandu gid ? Mur ara xi gmiel ta' gonna dawn kemm thobbhom il-fjuri ?

Gemma: Il-palazz u l-gonna ghadni ma rajthomx, imma gid ghandu bil-bosta.

Rozina: U zgur mhux sejjer ihallik titla' aktar fuq il-palk tat-tijatru! Dan ma jkunx ta' gieh ghal princep bhal dan.

Gemma: Hekk hu. Is-serata ta' jumejn ilu kienet l-ahhar wahda. Addio ballijiet u festi f'din il-villa.

Rozina: Ahfirli sinjorina, izda x'sejjer ighid it-tenur Carlo Sanzio meta jsir jaf b'dan ? Kontu zmien twil gharajjes flimkien.

Gemma: Ikollu jissabbar. Imhabba ohra aktar kbira serqitli qalbi. Il-qalb hija misteru. Dal-princep seraqli qalbi tant, li naghzel il-mewt milli nichadlu l-imhabba tieghi.

Rozina: Sinjorina, xtaqt kieku nghidlek haga.

Gemma: Ghidli.

Rozina: Taf li jiena ghandi 'l ommi mara xiha. Xtaqt kieku nitolbok....

Gemma: Inti u s-segretarju dal-ghodu stess ikollkom thallu din il-villa.

Rozina: (<u>Bil-mod</u>). Imsejkna jien u wisq iktar is-segretarju! (<u>B'lehen iktar gholi</u>). Allura sejra thallina...hekk...minghajr ?

Gemma: Iva. Dal-ghodu ghandi appuntament u sejjer ikun l-ahhar wiehed. Minn hawn u ftit iehor nitlaq u forsi ma nergghux naraw lil xulxin.

Rozina: (<u>B'lehen imbikki</u>). Sinjorina!

Gemma: Taqtax qalbek, Rozina. Jien naf kemm thobbni u kemm jien ukoll inhobb lilek. Ghidli, m'ghandekx pjacir li jien nitmarras ma' dan il-princep ghani u mmur nghix mieghu f'Genna ta' l-art ?

Rozina: Iva sinjorina, imma jien naf x'sejra nitlef.

Gemma: Tahseb xejn Rozina. Jiena hsibt ghal kollox. Minn hawn u ftit iehor il-bieb ta' din il-villa jinghalaq darba ghal dejjem. Jien hallejt kollox f'idejn in-nutar Reno Ranieri. Lilek hallejtlek somma sabieha biex tkun tista' tghix onestament il-bqija ta' hajtek, u lis-segretarju hallejtlu somma ohra. Tajjeb hekk ?

Rozina: Kemm int qalbek tajba, ~~sinjorina~~!

Gemma: Issa jekk joghgbok mur ghid lis-segretarju jigi halli jkun jaf hu wkoll.

Rozina: ~~Pronta~~ Mela mieghek, ~~sinjorina~~. (<u>Hoss ta' passi li jitbieghdu. Pawsa</u>). Sur Tito, is-sinjorina ghandha bzonn tkellmek.

Tito: Ghandha bzonn tkellemni ? X'ghandha bzonn, Rozina.

Rozina: Imxi, issa tghidlek hi stess. (<u>Hoss ta' passi li jitbieghdu</u>).

TITO Bon gornu, sinjorina. X'ghandek bzonn ?

Gemma: Poggi bil-qieghda Tito.

Tito: Grazzi.

Gemma: Tito, dal-ghodu rridek thassar il-ftehim tal-kuntratti li ghandi ma' Franza, l-Amerika u l-Ingilterra. Wara dan int tkun illicenzjat.

Tito: Jien illicenzjat ?! Fhimtek sewwa, sinjorina ?

Gemma: Ezattament. Dal-ghodu din il-villa tinghalaq u ma tinfetah qatt izjed ghalija. Int u Rozina tmorru f'darkom.

~~Tito: Santa Barbara!~~

Gemma: Pero' kulhadd imur ferhan. In-nutar Reno Ranieri ghandu jbiegh din il-villa u kulma fiha, u int Rozina taqsmu l-flus ~~taghkom~~ bejnietkom.

Tito: Naqsmu l-flus bejnietna ?! Mela int sejra thallina, ~~sinjorina~~ ?

Gemma: Dal-ghodu, u ghal dejjem.

Tito: Allura t-tmiem tieghi........

Gemma: Kollox spicca, Tito. Tista' tmur taghmel dak li ordnajtlek.

Tito: Serv tieghek, sinjorina. Bon gornu. (Hose ta' ... li itbieghdu. Pawsa).

Rozina: Ferswas issa, Sur Tito ?

Tito: Ghadni ma nistax nemmen lili n-nifsi.

Gemma: Is-sinjorina ghandha appuntament ma' wiehed princep. Hadd m'hu hlief il-princep Federiku ta' l-Awstrija.

Tito: Mela l-princep ghadu gewwa Lapin ? Lili ebda appuntament ma semmietli.

Gemma: Izda lili semmietli. Ah, Sur Tito, ahjar ma thobb xejn u lil hadd f'din id-dinja meta jkollok tinfired minn dak li thobb.

Tito: U lili min sejjer issabbarni ? Kont tart drajt gewwa din il-villa! Kemm-il darba hlomt hajja mill-lewn il-ward, u issa jkolli nitlaq bla hajeb!

Rozina: Sur Tito, ikollna nissabbru. Halli mmur nara nirrangalhiex il-bagalji. (Pawsa ftit twila).

Lehen: Gemma!....Gemma!....X'inhu li qed igieghlek thalli din il-hajja ~~feliel~~ kuntenta, imdawra bi glorji u unuri ? Ghaliex sejra tissakrifika xbubitek ?

Gemma: Imma ghaliex dal-lehen ma jridx ihallini ? Ilu jittormentani l-lejl kollu!

Lehen: Inti ghadek fl-ahjar tieghek. Id-dinja lestietlek hajja ta' fama u dgawdija kbira. Il-hajja li trid taghzel issa ma fi hiex hlief ghollieq u xewk. Int ma tistax iddum wisq fiha.

Gemma: Le.....le......Jiena soda fil-fehma tieghi....Jiena naf fhiex diehla u nergax lura minn kelmti.

Lehen: Le, int ma tafx. Int tinsab imqarrqa. (Jinstama' bil-mod il-bidu tas-"Sempre Libera" tat-"Traviata"). Inti gejt mahluqa biex tghix hielsa bhall-aghsafar ta' l-ajru, u dan int stess ammettejtu kemm-il darba fil-ballijiet u l-festi li kont taghti u tattendi. Tiftakar li int l-ammirazzjoni ta' bosta nies ? Tiftakar li l-hajja tieghek hija l-palk u l-kumpanija ? Isma' minni, mela, inkella mizerja kbira jkun il-gejjieni tieghek.

Gemma: Bizzejjed.....Ghaliex qed ittortagli qalbi? (Jinstama' l-biki ta' Gemma).

Lehen: Imsejkna tfajla! (Pawsa).

(Tinstama' l-cangiena tal-bieb. Hoss ta' passi li jitbieghdu, u hoss ta' bieb jinfetah).

Rozina: Ghaddi, sur Carlo.

Carlo: Bon gornu, Rozina. (Pawsa). Rozina, kont tibki komm ghandek ghajnejk homor ? (Hoss ta' bieb jinghalaq).

Rozina: Ghaddi ; dal-waqt tkun taf kollox. (Hoss ta' passi).

Tito: Bon gornu, sur Carlo.

Carlo: Int ukoll tidher bin-nervi dal-ghodu, Tito ?

Tito: Oh, kieku taf, sur Carlo!

Carlo: Iva, nista' nkun naf x'gara ?

Tito: Addio sigarri Havana li kont tatini. Xi dnub, jahasra! Ma nxommx iktar ir-riha taghhom! Min kellu jghidli li tasmiet tieghi kellhom idubu bhall-berra fid-difa!

Carlo: Ghadkom ma ghidulix ghal fejn dan l-inkwiet kollu.

Tito: Jien m'ghandix kuragg nghidlek. Issa ghidlu int, Rozina. Jien sejjer nhassar il-ftehim kollu tal-kuntratti tas-sinjorina.

Carlo: X'kuntratti huma ?

Rozina: Poggi bil-qieghda, sur Carlo. Issa tkun taf b'kollox.

Carlo: Le, naghzel li nibqa' bil-wieqfa.

Tito: Jien sejjer, sur Carlo. Rozina addio. Forsi ma narakx iktar. Lis-sinjorina Gemma ghidilha biex ma thabbilx rasha fuq il-kuntratti. Sa siegha ohra kollox ikunlest.

Carlo: Le, ibqa' hawn. Irrid inkun naf x'kuntratti huma li trid thassar.

Tito: Sur Carlo ghal xejn tipprova zzommni, ghax is-sinjorina Gemma hija soda fil-fehma taghha, u jien irrid inkompli l-ordnijiet li tatni.

Carlo: Is-sinjorina qieghda hawn ?

Rozina: Iva, qieghda fil-kamra taghha. Dal-ghodu ghandha appuntament li hija tghid li hu l-ahhar wiehed. Wara l-appuntament sejra thalli din il-villa ghal dejjem.

Carlo: Appuntament ?! Thalli dil-villa ?! Dan xi kliem hu dal-ghodu ?

Rozina: Ahna bhalek bqajna mistghagba. Dal-ghodu, meta s-sinjorina qaltilna bil-hsieb taghha.

Carlo: Ara, nitkellmu car. Ghiduli x'gara u ma garax dal-ghodu.

Rozina: Dal-ghodu s-injorina sejra thalli dil-villa ghal dejjem.

Tito: U diga' tatna s-sensja.

Carlo: Tatkom is-sensja ?! Allura fejn sejra ? U r-rapprezentazzjoni li ghandha tati mieghi dil-gimgha ?

Tito: Milli jidher kollox spiccа.

Carlo: Tistghu, almenu tghiduli fejn sejra u ma' min ?

Rozina: Fejn sejra ma nafux, izda milli stajna nifhmu sejra ma' princep.

Carlo: Qed nifhem xi haga. Mal-princep Federiku ta' l-Awstrija. Allura ghaliex qaghdet ~~tilluzingani~~ ~~lun~~ iz-zmien kollu ? Jien biss naf x'sakrificci ghamilt ghalija. Kont jien li wassaltha ghall-glorja ta' l-arti u s-successi li kisbet lili biss tafhom. Thabbibna bhal zewgt ahwa u qatt ma kelna kelma xi nghidu. Kantajna flimkien kemm-il darba u kbirna flimkien ~~b'qalb safja bhal dawn il-fjuri ta' fuq dil-mejda~~. U issa li konna kwazi wasalna biex nghixu ~~felici~~ flimkien

F'qieh kemm kemm, Carlo, kompli tħabat u pperswadiha tiqa thante.
Ftakar li int se tmur minn taħt. Ftakar fl-imħabba ta' bejnietna! Ftakar fil-wegħdiet għandekk!
Il-Prinċep Federico x'inhu għalik hu?

f'qalb

bhal zewg anglli maghqudin wahda fis-sagrament taz-zwieg, tmur tibdilni ma' princep ? Forsi l-fama tieghi mhix ikbar minn tal-principijiet ? Imminni, Rozina, li din l-ahbar ma kont nistennieha qatt! Jekk qatt jigri dan jien intemm hajti b'idejja. (Pawsa). Ma titkellimx, imma jien ged nifhmek xorta wahda. F'qalbek qieghda tatini ragun, izda l-bizaʼ jaghlaqlek fommok.

Rozina: Jekk nghid xorta ohra nkun nghid kelma b'ohra.

Carlo: Allura veru. Imma ghaliex halsitni b'dan il-mod ? Kont tant inhobbha! Kont kwazi naduraha! Gemma kienet l-idolu ta' qalbi u qatt ma habbejt lil hadd hliefha. Mishuta flus kemm tirrenduh baxx lill-bniedem! Kont nahseb li Gemma m'hiex bhal nisa ohra! Imma ma jimpurtax; ta' dan niehu sodisfazzjon. Rozina, mur ghidilha li jien hawn u li rrid inkellimha.

Rozina: Jien immur izda qabel trid tweghedni li ma ggieghlnix issofri bi kliemek.

Carlo: Le, jien irrid nipperswadiha u nreggaghha lura minn fehmtha.

Rozina: Allura mmur. (Hoss ta' passi jitbieghdu).

Carlo: (Bil-mod). Jekk ma jirnexxilix ikolli nissakrifika lil dik li nhobb. (B'lehen iktar oghli). Sur Tito, qatt m'osservajtu xi haga fis-sinjorina Gemma ?

Tito: Jiena qatt m'ossevajt xejn. Sa ftit ilu ma kantatx mieghek fit-tijatru San Carlo ?

Carlo: Issa naraw kif inhi dil-bicca!

Tito: Jien bhalek kont nittama hajja aħjar, izda kollox tar marrih. (Jinstamaʼ hoss taʼ tahbit fuq bieb). x'mingħajr li dan ?

~~Rozina: Sinjorina.~~

~~Gemma: Ghidli, Rozina. (Hoss ta' bieb jinfetah).~~

~~Rozina: Gie s-sur Carlo.~~

~~Gemma: Ghidlu jistennieni. Ru mieghek hawn il-bagalji u poġġihom hdejn il-bieb ta' barra.~~

~~Rozina: Iva, sinjorina.~~

~~Gemma: Ghid lis-sur Carlo jistennieni fis-salott.~~

Rozina: ~~Iva, sinjorin~~a. (Hoss ta' passi). (Pawsa). Is-sinjorina dal-waqt gejja. Qaltlek tistennija ~~fis-salott.~~ fuq

Carlo: Sewwa wisq. Issa jekk joghgobkom halluna ftit wehidna. (Hoss ta' passi. Pawsa).

Gemma: Carlo! Bon gornu.

Carlo: Bon gornu.

Gemma: Dal-ghodu ma kellikx il-prova tal-Carmen ?

Carlo: Hallejt kollox biex nigi nara lilek......biex naghtik l-addio. M'ghandekx appuntament dal-ghodu ? M'intix sejra ssiefer ?

Gemma: Iva. Lil Rozina ma rajthiex hierġa bil-bagalji mill-kamra tieghi ?

Carlo: U tghidli hekk b'din il-bruda ?

Gemma: Din x'fiha ?

Carlo: Li ssifer le, imma li thallini kiesah u biered hija gravi hafna.

Gemma: Tghidx hekk, Carlo. Jien ghidtlek kemm-il darba biex naqtghu kull relazzjoni, izda inti dejjem hadt kollox bic-cajt.

Carlo: U zgur li bic-cajt. Kif ridtni nemmnek wara tant jiem ta' mhabba sinciera u ~~pura~~ ? Trid tghid li mhux veru ?

Lehen: Gemma, oqghod ghall-kliem ta' Carlo. Isma' minnu.

Gemma: Veru daqs kemm hu veru li ghidtlek biex tinsini.

Carlo: Imma kif tridni ninsik wara tant jiem ta' mhabba ?! Ghaliex tridni ninsik ? Forsi biex tkun ta' xi princep ?

Gemma: Carlo ghax qed tkellemni b'dan it-ton ?

Lehen: Inti sejra tidher kerha quddiem id-dinja. Kulhadd sejjer ighid li l-proposti tieghek ma jimxxux.

Gemma: Le, jien soda fil-fehma tieghi. In-nies tahseb u tghid li trid.

Carlo: Jien ma semmejtlikx nies. Ghidli fejn hu sejra u ma' min.

Gemma: Carlo, jien ninsab marbuta b'kelma ta' l-akbar setgha; tajt kelma ta' l-unur.......

Carlo: Allura lili ma kontx tajtni kelma ukoll li ma tkun ta' hadd hlief tieghi ?

Lehen: Gemma, is-Gema ma jridx li tidhak b'Carlo. Gib quddiem ghajnejk f'liema konsegwenzi korbh jista' jgib ruhu fihom bil-pass li sejra taghmel.

Gemma: Carlo, jien dejjem nibqa' nitlob ghalik.

Carlo: Jien minghandek ma rridx xejn hlief imhabbtek. Dik tieghi bi dritt ghax weghdthieli.

Gemma: Naf li kont weghdthielek, imma kont ghidtlek ukoll li kont biddilt il-hsieb.

Carlo: Biex tkun ta' xi princep, hux tassew ?

Gemma: Iva, biex inkun ta' princep.

Carlo: U ghandek il-hila tghidli f'wicci ?!

Lehen: Gemma, dawn kollha huma bluhat tieghek. Int ghad jerga' jibdielek, u meta tkun trid terga' lura minn dak li tkun ghamilt twaqqa' gh jb kbir fuqek.

Carlo: Ghaliex bqajt issummata ? Naturalment il-princep tak ordni biex izzomm halqek maghluq. Imma kun af li minn din il-villa ma tohrogx.

Gemma: Carlo, ~~kun tajjeb~~. IKKALMA

Carlo: Jiena dejjem ~~tajjeb~~ kalm, imma hija l-imhabba, Gemma! L-imhabba li ghandi ghalik li qieghda titkellem. Ftakar, Gemma, dak il-kliem ta' mhabba li kont tghidli. (Tinstama' bil-mod "Alfredo, Alfredo di questo cuore" mit-"Traviata"). Ftakar liema hars ta' mhabba kont titfa fuqi meta kont tkanta b'tant espressjoni kbira dik ir-romanza sabiha tat-Traviata "Alfredo, Alfredo, di questo cuore". Kemm kont tghidli li waqt r-rapprezentazzjoni li dak il-kliem ta' l-opra kont tghidu dirett ghalija! Kif tridni ninsa, Gemma, dan kollu ? Ghidli xi tridni naghmel biex jimxxili ndawrek lura minn fehmtek ? Jien pront biex naghmel kull sakrificcju. Ghidli li trid tkun tieghi biss.

Gemma: Kulma rridek taghmel hu li tistabar u s-Sema mhux sejjer jinsik.

Carlo: Nistabar ?! Nistabar boghod minnek ?! Le, diga' qieghed inhoss id-disperazzjoni tghawwarli 'l qalbi.

Lehen: Qieghda tisma' dak li ghidtlek ftit qabel ? Inti tkun responsabbli ta' kulma jigri.

Carlo: Qed nifhom is-skiet tieghek. Forsi dan id-diskors tieghi qed imissiek qalbek.

Gemma: Iva, Carlo. Ferm jiddispjacini ghalik.......

Carlo: Allura ghax ma tismax minni ?

Gemma: Ma nistax, Carlo. Qieghda jiddispjacini ghalik ghax ma x tridx tifhimni.

Carlo: Min kellu jghidli li dal-ghodu kelli nisma' dan id-diskors hekk...habta u sabta! Ahna kbira flimkien fuq il-palk tat-tijatru; habbejna lil xulxin b'imhabba safja ta' zewgt ahwa; it-tnejn gejna nkurunati ~~bhal zewg slaten~~ bil-glorja ta' l-arti u l-arti ddewbet gewwa qalbna biex l-imhabba ggieghelna nghixu u mmutu ghal xulxin. U issa trid hekk f'daqqa wahda taqta' din il-katina tad-deheb li rabtitna! Dan huwa genn!

Lehen: X'int tistenna Carlo biex taghmel dak li ghandek taghmel ?

Gemma: Li kieku kont tista' taqra gewwa qalbi! (Tinstama' l-muzka "L-Addio del passato" mit-Traviata"). Bhal dal-mument qieghda nara l-hajja tieghi ghaddejja ~~bhal f'talkies~~ minn quddiem ghajnejja; qieghda nara l-ibliet sbieh ta' l-Italja jixghelu bil-lejl isbah mill-istess sema mdawwal bil-kwiekeb; qieghda nara dawk it-tijatri mizghudin bin-nies mitlufin f'dilirju jhabbtu jdejhom, u ahna mghottijin bil-fjuri li ~~l-kbarat~~ kienu jixhtu fuqna; qieghda nara dawk ir-rigali li f'kull serata kienu jaghmlulna, crieket u djamanti ~~jlellxu quddiemi~~, u b'dan kollu jiena sejra nhalli kollox.

Lehen: Qieghda tara x'sejra thalli warajk ? Qieghda tara kemm int belha ?

Carlo: Imma dan kollu ghax trid int.

Gemma: Naf; b'daqshekk m'iniex sejra lura minn kelmti. Jien wieghedt lill-princep li nitgharrsu u nitgharrsu.

Carlo: (B'lehen iktar gholi). Ma jkun qatt. Jekk dawn it-tifkiriet li semmiet ma jregghukx lura, inreggghek jien.

Gemma: (B'lehen imbazza'). X'wahda din Carlo! Nehhi dik l-arma minn idek!

Lehen: Isa Carlo, spara.

Gemma: Carlo qed tbezzaghni! Nehhi minn idek dik ir-rivoltella!

Carlo: Le. La darba ma tridx tkun tieghi ma tkun ta' hadd. L-ewwel int, imbaghad xxx jien f'riglejk.

Lehen: Sewwa! It-tnejn!

Gemma: Iva stenna ftit iehor....ftit iehor... sejra nghidlek b'kollox....xejn m'jien sejra nahbilek!

Lehen: Tatix kazha; spara.

Carlo: Tghidli xejn; jien tlift il-fidi kolliha fik. Dan huwa kollu l-frott ta' mhabba safja u fidila. Jien kont inzommok tajba bhal l-angli, imma inti.....Nippreferixxi li mmutu flimkien milli nhallik taghmel il-pass li bi hsiebek taghmel.

Lehen: Isa Carlo; titlifx zmien, spara.

Gemma: Zomm idek, Carlo. Minuta ohra tkun taf kollox....thallinix nikser il-kelma ta' l-unur tieghxx, nitolbok.

Carlo: Le; meta jigi l-princep ma jibsx hlief zewg igsma mejta. Immutu flimkien u jekk ma kellix ix-xorti li ngawdik f'din id-dinja, ingawdik fid-dinja l-ohra.

Soru: Il-bniedem m'ghandu ebda jedd li jnehhi l-hajja ta' bniedem iehor.

Carlo: Soru ?! Int min int u kif dhalt hawn gew ?

Gemma: (B'lehen ferhan). Gejt fil-waqt Madre Abatissa! Carlo, issa tista' tispara. Hekk hu l-appuntament!

Gemma: Iva, Carlo. Ferm jiddispjacini ghalik......

Carlo: Allura ghax ma tismax minni ?

Gemma: Ma nistax, Carlo. Qieghda jiddispjacini ghalik ghax ma tridx tifhimni.

Carlo: Min kellu jghidli li dal-ghodu kelli nisma' dan id-diskors hekk...habta u sabta! Ahna kbira flimkien fuq il-palk tat-tijatru; habbejna lil xulxin b'imhabba safja ta' zewgt ahwa; it-tnejn gejna nkurunati bhal zewg slaten bil-glorja ta' l-arti u l-arti ddewbet gewwa qalbna biex l-imhabba ggieghelna nghixu u mmutu ghal xulxin. U issa trid hekk f'daqqa wahda taqta' din il-katina tad-deheb li rabtitna! Dan huwa genn!

Lehen: X'int tistenna Carlo biex taghmel dak li ghandek taghmel ?

Gemma: Li kieku kont tista' taqra gewwa qalbi! (Tinstama' l-muzka "L-Addio del passato" mit-Traviata"). Bhal dal-mument qieghda nara l-hajja tieghi ghaddejja ~~bhal f'talkies~~ minn quddiem ghajnejja; qieghda nara l-ibliet sbieh ta' l-Italja jixghelu bil-lejl isbah mill-istess sema mdawwal bil-kwiekeb; qieghda nara dawk it-tijatri mizghudin bin-nies mit-lufin f'dilirju jhabbtu jdejhom, u ahna mghottijin bil-fjuri li l-kbarat kienu jixhtu fuqna; qieghda nara dawk ir-rigali li f'kull serata kienu jaghmlulna, crieket u djamanti jlellxu quddiemi, u b'dan kollu jiena sejra nhalli kollox.

Lehen: Qieghda tara x'sejra thalli warajk ? Qieghda tara kemm int belha ?

Carlo: Imma dan kollu ghax trid int.

Gemma: Naf; b'daqshekk m'iniex sejra lura minn kelmti. Jien wieghedt lill-princep li nitgharrsu u nitgharrsu.

Carlo: (B'lehen iktar gholi). Ma jkun qatt. Jekk dawn it-tifkiriet li semmiet ma jreggghukx lura, inreggghek jien.

Gemma: (B'lehen imbazza'). X'wahda din Carlo! Nehhi dik l-arma minn idek!

Lehen: Isa Carlo, spara.

Gemma: Carlo qed tbezzaghni! Nehhi minn idek dik ~~ir-rivoltella~~ l-arma!

Carlo: Le. La darba ma tridx tkun tieghi ma tkun ta' hadd. L-ewwel int, imbaghad jien f'riglejk.

Lehen: Sewwa! It-tnejn!

Gemma: Iva stenna ftit iehor....ftit iehor... sejra nghidlek b'kollox....xejn m'jien sejra nahbilek!

Lehen: Tatix kazha; spara.

Carlo: Tghidli xejn; jien tlift il-fidi kollha fik. Dan huwa kollu l-frott ta' mhabba safja u fidila. Jien kont inzommok tajba bhal l-angli, imma inti.....Nippreferixxi li mmutu flimkien milli nhallik taghmel il-pass li bi hsiebek taghmel.

Lehen: Isa Carlo; titlifx zmien, spara.

Gemma: Zomm idek, Carlo. Minuta ohra tkun taf kollox....thallinix nikser il-kelma ta' l-unur tieghek, nitolbok.

Carlo: Le; meta jigi l-princep ma jibsx hlief zewg igsma mejta. Immutu flimkien u jekk ma kellix ix-xorti li ngawdik f'din id-dinja, ingawdik fid-dinja l-ohra.

Soru: Il-bniedem m'ghandu ebda jedd li jnehhi l-hajja ta' bniedem iehor.

Carlo: Soru ?! Int min int u kif dhalt hawn gew ?

Gemma: (B'lehen ferhan). Gejt fil-waqt Madre Abatissa! Carlo, issa tista' tispara. Hekk hu l-appuntament!

D'ritda ta' l-arjiaw, ta' xejn gaghlt leghuden fejn il-passat taghhom

(Jinstemghu hsejjes li jbezzghu).

Lehen: ~~Sahta fuqi u fuq l-infern kollu! Sejjer nitilfkom minn tant idejja!~~ Santa!

Soru: ~~Xi jkunu qatt~~ MINHIEX NIFHEM dawn l-affarijiet ? TIS-AW TGHIDULI X'HINU JIGRI

Carlo: Xejn ~~Madre~~ SORA....ahfirli....kienet l-imhabba....imma issa sirt naf ma' min kien l-appuntament. Gemma, ghaliex hbejtli dan kollu u m'ghidtlix mill-ewwel ?

Gemma: Din kienet il-weghda li nobdi u ma nitkellimx.

Carlo: U kieku qtiltek ?

Gemma: ~~Kont immut bhalma jmutu l-martri.~~ MA ~~KIENX JKUN ...~~ KIENET TKUN IR-RIEDA T'ALLA

Carlo: Issa qed nifhem iktar ghaliex dik il-libsa bajda..... U l-princep ?

Gemma: Il-princep huwa Gesu', li jien ghaziltu bhal gharus tieghi. Min huwa akbar min dak li halaq is-sema u l-art ?

Carlo: Ghandek ragun, Gemma. Imma ghidli, dan mhux veru genn li sejra taghmel ? Thalli l-glorja ta' l-arti biex tinghalaq bejn erba' hitan tal-kunvent tal-klawsura ?

Soru: Le hija, mhux genn min ghal l-imhabba t'Alla u ta' ghajru iwaddab lid-dinja wara spallejh. Binti, kif konna ftehimna dal-ghodu gejt ghalik biex niehdok mieghi. Inti kont kellemtni fuq l-eghrusija tieghek, u milli qed nara dan is-sinjur kellu jkun zewgek. Inti smajt mill-kelma t'Alla, u dan iz-zwieg sejra thassru biex toffri ruhek lilu. Alla jilqa' dan is-sakrificcju kbir tieghek. Binti nistghu nitilqu. ghal Kunvent.

Gemma: Mument wiehed ~~Madre.~~ SOR (Jinstama' "Verranno a te sull'aura" final ta' l-ewwel att ta' Lucia di Lammermoor).

Carlo: Gemma! Kemm kantajna flimkien u issa jkollna ninfirdu! Niftakar li l-ewwel opra li kantajna ~~kienet Lucia di Lammermoor.~~ Kien l-ewwel success taghna. B'liema kuragg irrid nidher fuq il-palk minghajr Gemma mieghi ? Imma konna mahluqa biex inkantaw dejjem flimkien/ U issa ?..... (Pawsa). ~~(Imma ghal fejn nogghod nahseb ? Gemma hija soda fil-fehma taghha u mhiex sejra tura minn kelmtha.) (Pawsa). Liema hsieb qieghed jigini ?.... Tghid din hi s-sejha t'Alla ? Ma nafx.....inhossni qed nikkonfondi. Sinjur, illuminani int x'ghandi agh naghmel! Aghtini l-ghajnuna tieghek!~~

Gemma: Madre, gibtlek din ~~il-kaxxetta.~~ Fiha hawn hafna gawhar, deheb u hagar prezzjus iehor. Dawn hudhom int ghall-kunvent.

Soru: Jiena nizzik hajr, imma ma nistax naccetta tezori bhal dawn.

Gemma: Mela naghtih lill-Madonna ta' Pompej. Mill-bqija flus ghandi ghax l-arti kienet ghenitni.

Carlo: (B'lehen imbikki). Gemma jien ser nitilfek ghal dejjem u d-dinja sejra titlef lehnek.

Gemma: Le, Carlo. Lehni ma jmutx, izda jibqa' jinstama' mhux fis-swali profani tat-tijatri, imma mad-daqq ta' l-orgni fis-santwarju tal-Madonna.

Soru: Brava Gemma! Alla jkun mieghek. Hares hemm isfel ma' genb dak is-santwarju ta' Pompej; hemm jinsab il-kunvent taghna. Qeghdin taraw dak il-kampnar milqut mir-raggi tax-xemx ? Dak huwa l-kampnar tal-knisja taghna, u fejn hemm dawk is-sigar gholjin u fjuri sofor dak huwa c-cimiterju taghna. Imbaghad hemm dak is-sur li l-hitan tieghu gholjin jaghlqulek darba ghal dejjem il-bieb ta' kulma jlellex fid-dinja. SORU II Jibqaghlek biss 'l Alla li sejra tfittex bejn il-hitan imqaddsa tal-kunvent li ghalik sejjer ikun ~~l-anti~~-kamra ~~tal~~-qabar, irrid nghid il-klawsura. (Jinstama' mill-boghod id-daqq ta' qanpiena).

Gemma: Madre, xi jfissru dawn it-toqqi tal-kampiena ?

Soru: I Binti dawn huma t-toqqi tal-kampiena tal-kunvent taghna li s-sorijiet idoqquha meta ma jkunx fadlilna hobż izjed fuq il-mejda, biex issejjah ghall-hniena lil xi qalb tajba. Izda ahna qatt ma qtajna jiesna mill-hniena t'Alla, anki fl-iktar sighat imwieghra, ghax Alla li jiehu hsieb ta' l-aghsafar ta' l-ajru mhux sejjer jinsa lill-qaddejja fidili tieghu.

Soru II

Carlo: Madre, ghal issa hu dan il-flus u ghada nibghatilkom ghal iktar.

Soru: I Alla jbierek il-generosita' ti ghat, Sinjur, u jaghtik dak kollu li tixtieq qalbek.

Carlo: ~~La darba Gemma sejra tinghalaq f'kunvent, jien ukoll irrid naghmel bhalha. Irrid insib xi kunvent u ninghalaq go fih.~~

Soru: ~~Il-kelma li harget minn fommok hija l-kelma tal-qaddisin.~~ II ~~Ismikom~~ ghad jibqghu jissemmew fl-istorja ta' l-arti u tal-knisja. (Jinstama' bil-mod xi kant helu).

Gemma: Jiena nitlob ghalik, Carlo, biex il-Bambin izomm Idejh fuqek, u meta nkun f'riglejn il-Madonna l-ewwel talba tkun ghalik. X'xorti kbira, Carlo; hemm fis-sema jkun l-isbah appuntament taghna.

Carlo: Gemma, ghada l-gurnali jhabbru l-grajja tieghek, ~~u pit-ghada jxandru tieghi. U allura~~, meta tarani wara dik il-grada tal-klawsura biex insellemlek ghal l-ahhar darba, dan ikun: L-AHHAR APPUNTAMENT. (Il-kant jinstama' iktar qawwi bhala muzka finali).

TMIEM.

Il-kuxjenza ... Tieghek ... Dik il-vuci li tkellmek fis-skiet. Lehen li tisimghu f'qalbek u jgieghel 'l mohhok jindem. Ninghalija li ghandi s-setgha li ndawwarlek fehmtek! Kemm jien żbaljat! Hawn min minnkom ghandu r-rieda tal-azzar. Meta tisimghuni, jien il-vuci tal-kuxjenza taghkom, tigrux, Ahsbu, imbaghad iddeciedu dak li tatsbu huwa tajjeb u xieraq.

POEZIJA

## AHSBU DEJJEM QABEL

Jekk trid li qatt ma tagħli
Qabel ma taqta' qis.
Inkella l-qalziet tħassar
Jew tibqa' mingħajr qmis.

Aħseb x'se tagħmel qabel...
Orbot is-satal sew..:
Inkella bil-għatx tibqa'
Bħal dawk li diġà bkew.

Jekk taf li se tiġġarraf
Ibdel malajr it-triq;
Għażel mogħdija niexfa,
U tgħaddi qatt miż-żlieq.

Hekk dejjem qal Dun Bosco
Sal-jum qabel ma miet,
Ukoll bil-miktub ħalla
Lil tiegħu ħafn' ulied:

"Tħallux lit-tifel jaqa'
Imbagħad tmorru tiġbruh,
Aħsbu dejjem minn qabel
Sabiex l-għajnuna ttuh".

IL-HMISTAX-IL TAGHLIMA

## IS-SISTEMA PREVENTIVA TA' DUN BOSCO

Tfal, nistħajjilkom tistaqsu: "Din is-sistema Preventiva ta' Dun Bosco x'inhi?" Is-sistema Preventiva hija dak il-qawl illi għandna f'ħalqna aħna l-Maltin: "Qabel ma taqta' qis" jew aħjar: "Tħallix il-ħsara ssir imbagħad issewwiha". Aħseb minn